**Kunsill Lokali Paola**

Ref: 42/6/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 42**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 8 ta' Ottubru 2014. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Viċi Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio, il-Kunsillier Tyrone Muscat u il-Kunsillier Renald Dalli.

L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Neil Joseph Tirchett kien skużat.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

1. **Il-Parkeġġ ta'Pace Grasso.**

1.1. Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi qal li issejħet din il-laqgħa b'mod urġenti dwar il-grawnd ta' Pace Grasso minħabba l-fatt illi jekk wieħed illum il-ġurnata imur f'dan is-sit jinduna li dan sar qisu miżbla u mhux parkeġġ. Kompla billi qal li l-iskart illi wieħed jista' jara f'dan is-sit, ftit għandu x'jaqsam mal-ħidma tal-Kunsill Lokali. Dan qed iwassal sabiex dawk li jipparkjaw il-karozza f'dan il-post ma jħossuhomx siguri jħallu l-karozzi tagħhom f'dak l-ambjent.

1.2. Is-Sindku qal li l-ħmieġ iġib il-ħmieġ u għalhekk l-iskart mormi f'dan il-post wassal sabiex diversi persuni jsibuha komdu jarmu skart goff f'dan is-sit u għalhekk talab lil Kunsill Lokali sabiex jieħu deċiżjoni u jara x'ser jiġri minn dan il-post. Huwa qal ukoll li wara id-diversi ilmenti li waslu mir-residenti dwar dan il-post illum hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni konkreta dwar is-sit ta' Pace Grasso u ma jistax ikun li dan il-post jibqa' kif inhu. Żied illi hemm bżonn ukoll li l-Kunsill Lokali Paola jaħdem aktar biex iħeġġeġ aktar parkeġġ f'dan is-sit.

1.3. Is-Sindku talab lil Viċi Sindku u lil Kunsillier Dalli (membri ta' l-amministrazzjoni preċedenti) sabiex jispjegaw lil Kunsill xi ftehim kien sar mal-kuntrattur Elton J. Zammit sabiex jagħmel użu minn dan is-sit. Il-Kunsillier Dalli qal li wara li l-Gvern kera il-post lil Kunsill Lokali Paola, waqt laqgħa fejn kien qed jiġi diskuss kif il-Kunsill kien ser jamministra dan il-post, il-Kunsill kien qabel mal-proposta li l-kuntrattur Zammit jipparkja żewġ *scammels* tiegħu fil-post u ta' dan ikun lest li jiftaħ u jgħalaq is-sit bejn is-7am u 8pm. Umbagħad kien sar arranġament verbali li jistipula dan bejn is-Sur Zammit u l-Kunsill Lokali Paola.

1.4. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku ippropona li dan l-arranġament bejn is-Sur Zammit u l-Kunsill Lokali Paola jibqa' fis-seħħ però sa' l-20 ta' Ottubru 2014 il-kuntrattur Zammit għandu inaddaf il-post minn kull tip ta' skart li hemm kif ukoll jagħti lura lil Kunsill iċ-ċwievet tal-kmamar kollha li hemm fil-grawnd. Jekk il-kuntrattur ma jonorax din id-data l-iskart u l-materjal kollu li jkun fadal jiġi propjetà tal-Kunsill Lokali u jnaddaf dan il-post bl-ispejjeż mgħoddija lil kuntrattur Zammit. Is-Sindku sostna li kif dan il-post jitnaddaf ser jipproponi pjan ta' ħidma fil-Kunsill Lokali sabiex dan il-post ikun jista' jattira iktar parkeġġ. Jekk is-Sur Zammit jonora it-talba tal-Kunsill Lokali, l-istess Kunsill ikun lest li jiffirma kuntratt quddiem avukat mal-kuntrattur Zammit li fih ikun hemm ċar dak li huwa mistenni minn Zammit.

1.5. Il-Kunsillier Axisa żied ukoll li hemm bżonn li nikkonfermaw li l-affarijiet marbuta ma dan is-sit huma kolla kif suppost u dejjem kif titlob il-liġi.

1.6. Il-Kunsillier Tyrone Muscat xtaq jinforma lil mejda li huwa kellu proposta mingħand is-Sur Wiġi Magro li kien qed joffri b'xejn li joqgħod għassa mal-grawnd però l-membri l-oħra qablu li dan għandu jiġi diskuss aktar il-quddiem fejn tkun tista' wkoll toħroġ sejħa ta' interess għal kif wieħed għandu jieħu ħsieb is-sigurtà tal-post. Il-Kunsillier Muscat xtaq ukoll jgħid illi min-naħa tiegħu huwa qatt ma ra xejn ħażin mill-kuntrattur Zammit f'dan il-post.

1.7. Il-Kunsillier Muscat xtaq ukoll jgħid illi min-naħa tiegħu huwa qatt ma ra xejn ħażin mill-kuntrattur Zammit f'dan il-post. Apparti minn dan huwa żied li huwa kien ħa l-inkarigu li jirranġa kamra li kienet f'dan is-sit li fiha kien hemm il-*metre* tad-dawl. F'din il-kamra kien qed jidħol l-ilma tax-xita. Il-Kunsillier Muscat żied illi f'din l-istess kamra kien spiċċa iżomm tajr li kienu qed jaslu għandu mingħand residenti li ma ridux iktar dawn it-tjur. Infatti Muscat qal li f'laqgħa preċedenti kien talab ukoll li jieħu f'idejh ir-responsabiltà tad-drittijiet ta' l-annimali.

1.8. Is-Sindku irrimarka li filwaqt li huwa importanti li nieħdu ħsieb ukoll id-drittijiet ta' l-annimali, fil-fehma tiegħu il-grawnd mhuwiex post fejn jitrabbew l-annimali jew tjur. Infatti is-Sindku żied illi bħal ma' l-Kunsill qed jitolbu lil kuntrattur sabiex ineħħi l-iskart li hemm fil-grawnd, għandu jara ukoll li jitneħħew xi annimali jew tjur li jinsabu fil-grawnd. Il-Viċi Sindku qal ukoll li filwaqt li huwa jħobb l-annimali, il-grawnd ta' Pace Grasso ingħata għal skopijiet ta' parkeġġ biss.

1.9. Għall-proposta tas-Sindku ittieħed vot fejn il-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Lynch, Dalli u Axisa ivvotaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Muscat u Delezio ivvotaw kontra.

1.10. Wara dan il-vot il-Kuntrattur Elton J. Zammit ġie infurmat bid-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali Paola u aċċetta li ser jimxi ma' din id-deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Sindku informa wkoll lil kuntrattur illi wara l-20 ta' Ottubru ser jiġi iffirmat kuntratt bejnu u bejn il-Kunsill Lokali dwar dak li ser ikun mistenni minnhu fejn jidħol il-grawnd ta' Pace Grasso.

1.11. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6.30pm.

Approvati llum 12 ta Novembru 2014.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Roderick Spiteri
Sindku